**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR ANTHONY J. VELLA BA.,LL.D.,MA**

**ILLUM 5 ta' Novembru 2015**

**SPETTUR**

**Kevin Pulis**

**Carol Fabri**

**VS**

**David Fenech**

**Evan Polidano**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

David Fenech ta' 50sena, bin Guido u Cecilia nee' Muscat, mwieled Luqa, nhar id-19 ta' Lulju 1963, residenti 1, Davmar, Triq l-Apparell, Luqa u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 490863M;

U

Evan Polidano ta’ 30 sena, bin Mario u Jane nee’ Fenech, mwieled Pieta’ nhar it-3 ta’ Settembru 1983, residenti 43, David, Triq Ganni Vassallo, Luqa u detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-numru 467683M;

Talli f’ Marzu 2013 u fix- xhur ta’ qabel, f’ dawn il- Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda;

1) Approprja ruhhom billi dawru bi profit ghalihom jew ghal perusni ohra, is-somma ta’ aktar min €2,329.37 ghad-dannu ta’ Gasco Energy Ltd, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilhom that titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilhom minhaba l-professjoni, l-industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu ghad-dannu tal-kumpanija Gesco Energy Ltd;
2) Aktar talli b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intrapizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh ta’ aktar minn €2,329.37 ghad-dannu ta’ Gasco Energy Ltd;
3) Aktar talli ghamlu falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil- firem, billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjoni jew fatti, li dawk l-atti jew skritturi kellhom, ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;
4) Aktar talli kkommetta serq ta’ cilindri ghad-dannu ta’ Gasco Energy Ltd liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi €2,390.24 u kwalifikat bil-valur u bil-persuna;

Lil Evan Polidano wahdu;

5) Sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali b'diversi sentenzi liema sentenzi saru definttivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat id-dokumenti ezebiti;

Rat l-atti kollha tal- kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputati rregistraw ammissjoni fi stadju ta' provi difiza, wara li kienu lahqu ftehim civili mas-socjeta' Gasco Energy ltd u wara li hallsu dak miftiehem mal-istess socjeta'.

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Rat illi din il-Qorti diversament presjeduta kienet qed taghti sanzjoni fil-komunita' f'kawzi identici ghal din, liema provvediment kien bi qbil mal-Prosekuzzjoni;

Semghet lill-partijiet jaqblu li anke din il-Qorti setghet taghti l-istess provvediment anke f'din il-kawza;

Rat illi l-imputati effetwaw risarciment shih lejn is-socjeta' b'dak illi ghamlu;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 18, 293, 294, 310(1)(a), 308, 309, 183, 261(c) u (d), 267, 268(d), 279(b), 280 u 281, 17, 31, 533, 49 u 289 tal-Kodici Kriminali.

Fuq amisssjoni din il-Qorti ssib lill-imputati hatja u ghaldaqstant tilliberahon bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tlett (3) snin ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputati.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**